DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2277

tat-2 ta' Diċembru 2015

dwar l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' validazzjoni skont l-Artikolu 109(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009

(notifikata bid-dokument C(2015) 8830)

(It-testi bil-Ġrieg u bil-Kroat biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 109(8) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-preżentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' validazzjoni tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 109(8) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' validazzjoni, li jippermetti li l-Istati Membri jagħmlu prijoritajiet għall-validazzjoni u għall-kontroverifiki u mbagħad għas-segwitu tal-inkonsistenzi abbażi tal-ġestjoni tar-riskju.

(2) Ir-Repubblika Ellenika (il-Greċja) u r-Repubblika tal-Kroazja bagħtu l-pjanijiet nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Dawn huma konformi mal-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u mal-Artikoli 143 sa 145 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([2]). Għaldaqstant, dawn il-miżuri għandhom jiġu approvati.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni ta' approvazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 109(8) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(4) Il-Kummissjoni se timmonitorja l-applikazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali fir-rigward tat-tħaddim effettiv tagħhom. Jekk, abbażi tas-sejbiet tal-verifiki, tal-ispezzjonijiet u tal-awditjar imwettqa mill-Kummissjoni fil-qafas tat-Titolu X tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jitqies li jenħtieġu emendi għall-pjanijiet ta' validazzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jemendaw il-pjan skont dan.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pjanijiet nazzjonali tar-Repubblika Ellenika (il-Greċja) u tar-Repubblika tal-Kroazja skont l-Artikolu 109(8) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' validazzjoni huma approvati.

2. Jekk, abbażi tas-sejbiet tal-verifiki, tal-ispezzjonijiet u tal-awditjar imwettqa fil-qafas tat-Titolu X tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-Kummissjoni tqis li l-pjanijiet ta' validazzjoni approvati skont il-paragrafu 1 ma jiżgurawx l-implimentazzjoni effettiva mill-Istati Membri tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, hija tista' titlob biex il-pjanijiet jiġu emendati wara li tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

3. L-Istati Membri għandhom jemendaw il-pjanijiet ta' validazzjoni tagħhom skont it-talba tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 2.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika u lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

João AGUIAR MACHADO

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd